MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Numru. 813/2002

**Il-Pulizija
(Sp. Alexander Miruzzi)**

**v**

**Fabian Schiriha ta’ 17-il sena iben
Francis Xavier u Pauline xebba
Agius imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Mejju, 1985,
u residenti 95, ‚Serin’, Triq it-Trincetta,
Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru
266885 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Fabian Schiriha li gie akkuzat talli fid-29 ta’ Gunju, 2002 u fil-jiem ta’ qabel

din id-data f'dawn il-gzejjer seraq diversi oggetti li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (Lm 100) pero' anqas minn elf lira Maltin (Lm 1000) ghad-detriment ta' Rudolph Muscat u nies ohra liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa. Dan bi ksur tal-artikoli 261 u 267 tal-Kapitlu 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom. Dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 9 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gie mpost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr Abigail Lofaro datata 24 ta' April, 2002 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni registrata fi stadju ta' interrogatorju minn Fabian Schiriha.

Rat li fil-verbal tal-llum 18 ta' Mejju, 2005 Fabian Schiriha kklarifika l-ammissjoni tieghu fis-sens li kien qed jammetti ghall-akkuza ta' serq u ghall-ksur tal-Kapitlu 152.

Fuq ammissjoni qed issibu hati ta' l-akkuza ta' serq u dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 279 tal-Kapitlu 9 u tqis l-akkuza l-ohra bhala wahda alternattiva u ghalhekk qed tilliberah mill-istess u ghall-ksur tal-Kapitlu 152.

Rat ukoll il-pre sentencing report redatt mill-Probation Officer Marietta Lanzon.

Semghet ukoll ix-xhieda taghha li spjegat cjarament x'kienu l-problemi li bihom kien afflitt Fabian Schiriha.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu, ikkonsidrat ukoll illi Fabian Schiriha kiser gia ordni ta’ liberazzjoni kundizzjonata.

Illi b’dana kollu jidher li l-ufficjal tal-Probation nonostante dana l-ksur xorta sostniet li l-ahjar soluzzjoni jew ahjar piena li ghandha tinghata lil Schiriha ghandha tkun dik ta’ ordni ta’ probation.

Illi din il-Qorti qeghda taderixxi ma’ din l-opinjoni b’dan illi Fabian Schirha qieghed jitqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tliet snin mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

Huwa ghandu jzomm dak il-kuntatt lilu mitlub mill-Probation Officer, u jobdi dawk l-ordnijiet kollha lilu moghitja mill-Ufficjal tal-Probation.

Huwa ghandu jsegwi b’mod partikolari kull program lilu suggerit mill-Ufficjal tal-Probation b’mod partikolari dak ta’ l-Appogg.

Huwa ghandu jibqa’ jirrisjedi fl-indirizz 95, Serin, Triq it-Trincetta, Mosta u javza b’dan il-bdil lill-Ufficjal tal-Probation fi zmien 24 siegha minn dan il-fatt.

L-Ufficjal tal-Probation ghandha tirraporta bil-miktub il-progress ta’ l-istess Fabian Schiriha kull tmien gimghat bil-miktub.

Il-Qorti qeghda tfiehem lil Fabian Schirha l-effett ta’ din l-ordni u l-konsegwenzi tal-ksur taghha, anke tenut kont tal-fatt li gia nkiser ordni ohra ta’ probation.

Qeghda wkoll in kwantu ghal dan il-ksur tikkundannah ghal multa ta’ Lm 100 (mitt lira Maltija).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------